MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**PACE RAYMOND C.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 13/1994/1

**Carmen Gallagher u b'digriet tat-28 ta' Mejju 1998 Catherine Camilleri giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza bhala prokuratrici tal-assenti Carmen Gallagher in forza ta' prokura**

**vs**

**Carmelo Bajada u b'digriet tat-2 ta' Novembru 2000 gew mahtura Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapprezentaw il-wirt battal ta' Carmelo Bajada u Direttur Registru Pubbliku u b'digriet tat-22 ta' Novembru 1995 l-Avukat Dottor Joselle Farrugia giet nominata bhala kuratur *ad litem* biex tirrapprezenta l-interess tal-mejjet Carmelo Bajada u b'digriet tal-11 t'Ottubru 1996 l-Avukat Dr Joselle Farrugia bhala kuratur *ad litem* giet estromessa mill-kawza.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija l-wild naturali tal-konvenut Carmelo Bajada minn relazzjoni extramaritali li huwa kellu snin ilu ma' omm l-attrici.

Illi mill-Att tat-Twelid tal-attrici jirrizulta illi fil-kolonna tal-*"Isem u Kunjom Missier it-Tarbija"* gew registrati l-kelmiet: "*unknown father*" ossia *"missier mhux maghruf"* (vide Dok. “CG 1”).

Illi ghalkemm l-attrici sejhet lill-konvenut Carmelo Bajada sabiex jirrikonoxxiha bhala bintu naturali huwa baqa' inadempjenti;

Illi ghalkemm l-attrici sejhet lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkancella l-kelmiet "*unknown father*" mill-kolonna relattiva tac-Certifikat tat-Twelid tal-attrici u jisosstitwixxi l-istess kliem bil-konnotati tal-konvenut Carmelo Bajada, huwa baqa' inadempjenti.

Illi l-istess attrici talbet li ghalhekk il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onor Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-attrici huwa il-konvenut Carmelo Bajada; u

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attrici huwa jikkancella l-kliem "*unknown father*" mill-kolonna tal-*"Isem u Kunjom missier it-tarbija"* u jissostitwixxihom bil-kliem *"Carmelo Bajada"* u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati tal-imsemmi Carmelo Bajada fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Professjoni, sengha jew stat iehor"* tinkiteb il-kelma: *"negozjant"*; fil-kolonna intestata: *"Eta"* jitnizzel in-numru: *"42"*; fil-kolonna intestata fejn *"Twieldu u Joqoghdu"* jitnizzlu l-kliem *"Hamrun"* u *"Hamrun";* u fil-kolonna *"Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet"* jitnizzlu l-kliem: *"John - mejjet"* rispettivament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 u 6 tal-process;

Rat l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Frar 1994.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna u jirrimetti ruhu ghall-provi;

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 10 u 11 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Bajada a fol 13 fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrci huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-eccipjenti mhux missier l-attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba attrici hija infondata wkoll fid-dritt billi ma jirrikorrux l-elementi preskritti mill-**artikolu 92 (2) tal-Kap 16.**

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol 13 u 14 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tal-14 ta' Marzu 1994 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 16 sa 19).

Rat il-verbal tal-25 t'April 1994.

Rat in-nota tal-attrici tat-3 ta’ Mejju 1994 fejn gew prezentati l-affidavits ta’ Catherine Camilleri u Dr Frank Cassar (fol 24 sa 31).

Rat il-verbali tas-26 ta’ Ottubru 1994 u tas-17 ta’ Frar 1995.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta’ Marzu 1995 u d-digriet tal-Qorti tat-23 t’April 1995 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbali tat-3 t’April 1995 u tat-2 ta’ Mejju 1995.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-8 ta’ Mejju 1995 u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta’ Mejju 1995.

Rat il-verbali tas-26 ta’ Gunju 1995; tat-22 ta’ Novembru 1995 fejn provdiet definittivament fuq ir-rikors tal-attrici tal-11 ta’ Mejju 1995 u nnominat lill-Avukat Dr Joselle Farrugia bhala kuratur *ad litem* biex tirrapprezenta l-interess tal-mejjet Carmelo Bajada fil-kawza; tat-23 ta’ Frar 1996 fejn Dr Frank Cassar ghall-attrici ddikjara li m’ghandux provi aktar; tad-29 ta’ April 1996; tal-11 t’Ottubru 1996 fejn il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-22 ta’ Novembru 1995 u ordnat li l-Avukat Dr Joselle Farrugia bhala kuratur *ad litem* tigi estromessa mill-kawza.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 t’Ottubru 1996 u d-digriet tal-Qorti tas-7 ta’ Novembru 1996.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Jannar 1997; tat-2 ta’ Mejju 1997; tas-17 ta’ Ottubru 1997 u tas-26 ta’ Jannar 1998.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-13 t’April 1998 u d-digriet tal-Qorti tat-13 t’Apri 1998 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbal tal-24 t’April 1998.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-28 t’April 1998 u d-digriet tas-17 ta’ Mejju 1998 fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan ir-rikors.

Rat in-nota tal-attrici tat-28 t'April 1998 fejn permezz taghha gie esebit estratt minn gazzetta lokali.

Rat in-nota tal-attrici tas-7 ta' Mejju 1998 fejn permezz taghha gie esebit estratt minn gazzetta lokali.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-21 ta' Mejju 1998 u d-digriet tal-Qorti tat-28 ta' Mejju 1998 fejn laqghet it-talba u awtorizzat lir-rikorrenti tassumi l-atti tal-kawza fil-kwalita` taghha ta' prokuratrici tal-assenti Carmen Gallagher nominata in forza ta' prokura (Dok "A" a fol 64).

Rat il-verbal tal-10 ta' Gunju 1998.

Rat il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Novembru 1998.

Rat il-verbal tas-7 ta' Dicembru 1998 fejn ordnat lill-attrici tipprezenta nota guramentata fir-Registru biex tikkonferma xi fatti.

Rat in-nota guramentata tal-attrici tat-23 ta' Marzu 1999.

Rat il-verbal tas-26 ta' April 1999 fejn il-Qorti wara li kkunsidrat illi l-avvizi fil-gazzetti (a fol 69, 71 u 75) ma jsemmux lill-eredi presuntivi tal-mejjet Carmelo Bajada (minbarra Paul Bajada li gie notifikat) tordna illi n-notifiki isiru mill-gdid a tenur tad-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 1996 (fol 55); tas-17 ta' Novembru 1999 u tal-24 ta' Marzu 2000 fejn il-kawza giet differita sine die.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-13 t'April 2000 u d-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Mejju 2000 fejn irriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 ta' Gunju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat il-verbal tad-9 ta' Gunju 2000 u tas-6 ta' Lulju 2000.

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha prezentat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta’ Settembru 2000.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Novembru 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u nnominat lill-kuraturi deputati li lilhom imiss it-turn sabiex jipprezentaw il-wirt battal ta’ Carmelo Bajada.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti fejn informa lill-Qorti li l-Kuraturi Deputati li jmisshom it-turn huma l-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Liliana Buhagiar.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tat-30 ta’ Novembru 2000 (fol 97) fejn gie eccepit:-

(1) Illi huma mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

(2) Illi huma jirriservaw illi jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta huma jkunu gew edotti mill-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 98 tal-process.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Jannar 2001; tal-15 ta’ Marzu 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Paul Farrugia biex jisma l-provi kollha dwar il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-28 ta’ Mejju 2001, ir-risposti u d-digriet tal-Qorti tat-30 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbali tat-30 t’Ottubru 2001; tat-30 ta’ Jannar 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u halliet il-kawza ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti u finali trattazzjoni ghall-11 t’April 2002; tal-11 t’April 2002 u tas-16 t’April 2002.

Rat in-nota tal-attrici tat-23 ta’ April 2002.

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza tat-28 ta' Novembru 2002 bil-fakolta li l-Avukati tal-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet; u tat-28 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li hija l-wild naturali tal-konvenut Carmelo Bajada u li, konsegwentement tordna li fic-certefikat tat-Twelid taghha l-paternita' tal-missier proprja tigi rikonoxxuta u registrata.

### (B) PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici sostniet li l-konvenut Carmelo Bajada kien jghix ma ommha minn mindu hija kienet tifla sa ma kellha erbatax (14) il-sena fid-dar proprjeta tieghu f'numru 4 Ponsonby Street, Gzira, u kien jghidilha biex issejjahlu "pa". Il-konvenut kien mar l-Ingilterra, pero' kien xorta jikteb lill-attrici u jindika lilu nnifsu bhala *"il-mahbub missierek sal-mewt"* u hija kienet tikteb lilu u tindirrizah bhala *"ghaziz pa'.* L-istess konvenut kien ammetta mal-avukat Dr. Frank Cassar li huwa missier l-attrici odjerna, pero' ma riedx li formalment jirrikonoxxi dan u ghalhekk l-attrici kellha taghmel din il-kawza.

Illi **Catherine Camilleri,** omm l-attrici sostniet li hija kienet separata *de facto* minn zewgha Vincent Camilleri ghal 38 sena shah ghaliex kien harab lejn l-Ingilterra ma mara Ingliza u ftit wara l-istess attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut Carmelo Bajada li weghda li jiehu hsieb it-tfal taghha mir-ragel taghha Charlie u Josephine, ghalkemm

il-konvenut kien mizzewweg u kellu sitt itfal; wara xi sentejn li hija kellha relazzjonijiet intimi mal-istess konvenut Carmelo Bajada hija kellha lill-attrici minnu, pero' ma riedx jirrikonixxi formalment lill-bintu peress anke li dak iz-zmien l-adulterju kien ukoll reat kriminali, pero' kien mantna lill-attrici u lill ommha w uliedha u wkoll xtara il-post fejn kienet toqghod omm l-attrici u ghamel testment fejn hallieh lill-omm l-attrici u fil-kaz tal-mewt taghha lill-attrici, u l-attrici kienet issejjah lill-konvenut "pa' u kien ghamel polza ta' assigurazzjoni fuq l-attrici li kellha tigi mifdija meta l-attrici taghlaq 18-il sena kif fil-fatt sar, apparti sehem f'xi kumpanija ingliza. Dam b'din ir-relazzjoni max-xhud ghal tlettax (13)-il sena u wara mar joqghod ma ingliza. Kien ghen lill-attrici wkoll takkwista self fl-Ingilterra sabiex tixtri dar hemmhekk. Wara anke nizlet mill-Ingilterra u marret toqghod mieghu is-Swieqi, ghalkemm l-attrici wara telqet lura l-Ingilterra.

Illi l-**L-Avukat Dr. Frank Cassar** sostna li meta kellem lill-konvenut huwa ammetta li l-attrici kienet bintu pero' ma riedx jirrikonoxxiha formalment biex ma *"johloqx komplikazzjonijiet lil uliedu l-ohra fis-sens li hija tidhol fil-wirt maghhom"*

Illi din hija kawza sabiex l-attrici tistabbilixxi l-paternita' taghha, stante li fic-certifikat tat-twelid taghha jidher li hija giet indikata bhala bint missier *"mhux maghruf",* u jidher ghalhekk li hija ppromoviet din il-kawza sabiex missierha jigi indikat fl-istess att tat-twelid taghha formalment.

Illi mill-atti u provi esebiti, inkluz l-istess certifikat tat-twelid jidher ghalhekk li l-istess attrici, ghalkemm ommha kienet mizzewga lil certu Vincent Camilleri, qatt ma kellha l-istat ta' bint legittima tal-istess ragel ta' ommha, kemm peress li l-istess ragel kien abbanduna lill-ommha snin qabel fejn harab lejn l-Ingilterra u kemm ghaliex fic-certifikat tat-Twelid tal-istess attrici hemm indikat car u tond li l-istess attrici ma kienitx wild ta' zewg l-attrici tant li jinghad li omm l-attrici hija:-

*"Catherine nee' Attard wife of Vincent Camilleri who has been absent from these islands for the whole period of*

*three hundred days next preceeding the birth of the said child (vide annexxed declaration)".*

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ostakolu sabiex tigi proposta din it-talba u dan huwa indirettament rikonoxxut fl-**artikolu 92 (3) tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*"Ghall finijiet ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni ta' paternita' b'sentenza tal-qorti jkollha l-istess effett bhal taghrif".*

Illi dan l-artikolu jirreferi ghall kaz meta wild illegittimu jigi rikonoxxut mill-istess missier u l-konsegwenza hija li l-istess wild jiehu l-kunjom tal-istess missier, u tali sentenza li tistabbilixxi l-paternita' tal-istess wild, ikollha l-istess effett bhal tali dikjarazzjoni, u ghalhekk f'dan l-isfond saret il-kawza odjerna stante li l-istess allegat missier l-attrici baqa' ma ghamilx id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-attrici bhala bintu qabel ma miet fil-mori tal-kawza. Dan oltre dak indikat fl-**artikolu 94** li jipprovdi li:-

*"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 93* (dwar obbligu ta' manteniment ta' missier lejn l-ulied illegittimi) *ghandhom japplikaw ghal min ma jkunx gharaf b'ibnu lit-tifel, izda li jkun gie dikjarat b'sentenza tal-qorti bhala missier".*

Illi tali azzjoni hija wkoll indirettament rikonnoxuta abbazi tal-**artikolu 100 tal-Kap 16** fejn jinghad li:

*"It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' jew maternita' tista' tigi attakata wkoll minn kull min ikollu interess".*

Illi huwa naturali li jkun hekk, u tant huwa minnu dan, li anke ma kien hemm ebda riferenza ghal tali azzjoni, ma hemm l-ebda dubju li taht il-principji generali tal-ligi dan jista' jsir stante li l-ligi u l-procedura jipprovdu li ghandu jkun hemm rimedju ghall kull talba u vantazzjoni tad-dritt li tista' ssir, u ma hemm l-ebda dubju li l-attrici ghandha dritt li tistabbilixxi l-paternita' taghha, kemm-il darba hija ghandha provi sufficjenti dwar l-istess.

Illi dan jaghmel iktar sens meta wiehed jikkonsidra li wild legittimu jista' jigi attakkat anke mill-istess wild innifsu b'dan li jekk jigi ppruvat li r-ragel tal-omm ma huwiex l-missier tal-wild, allura anke l-istat ta' wild legittimu jinbidel ghal dak illegittimu u dan huwa permess anke taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 77 tal-Kap 16,** u dan apparti l-azzjoni ta' denegata paternita' moghtija lir-ragel tal-omm skond dak stipulat fl-**artikolu 70 tal-Kap 16,** dment dejjem li l-istess wild ma jkollux l-istat jew pussess ta' wild legittimu skond kif indikat **fl-artikolu 80 u 81 tal-Kap 16,** u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza ghall-diversi sentenzi fejn dawn il-principji gew ben spjegati fosthom dik ricenti fl-ismijiet **"Emanuela sive Lilian Diacono vs Massimo Alakkad"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Nru.78/2000/RCP).

Illi infatti l-**artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteggi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrizzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben jew bint l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. (FGC) 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … …". "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla*

*vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi fil-fatt hemm tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi."*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma*

*timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** u fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-

**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 – Cit. Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 - Cit Nru 190/97/RCP, u "**Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002 - Cit Nru: 1778/01); **"Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002), **"Ahmed Mohammed vs Fatiha Khallouf"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2002); **"Saviour Micallef vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); u **Mary Jacqueline Fenech vs Victor Fenech *et*"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002).

Illi allura *multo magis* jezisti d-dritt ta' wild illegittimu li jistabbilixxi l-paternita' u/jew maternita' tieghu u ghalhekk l-azzjoni attrici hija certament proponibbli, u dan anke skond id-disposizzjonijiet fuq citati u partikolarment l-**artikolu 92 (3) u l-artikolu 100 tal-Kap 16.**

Illi ghal dawk li huma provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-provi mressqa mill-istess attrici, u cjoe' li hija l-wild naturali tal-istess konvenut Carmelo Bajada ma gew bl-ebda mod kkontradetti, la mill-istess konvenut Carmelo Bajada nnifsu meta kien haj, anzi jirrizulta li ammetta l-istess adirittura mal-avukat tal-attrici Dr. Frank Cassar, u lanqas mill-werrieta tieghu, li ma gabu l-ebda provi sabiex jikkontrastaw l-allegazzjonijiet attrici.

Illi fuq kollox hemm id-dikjarazzjoni ta’ omm l-attrici, li spjegat b’mod car u dettaljat ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, wara li giet abbandunata minn zewgha, u l-fatt li l-istess konvenut informalment izda kwotidjanament dejjem irrikonoxxa lill-attrici bhala bintu u wkoll provda ghall-manteniment taghha b’diversi modi kif fuq elenkat, u ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milquha, u l-attrici ghandha tigi ddikjarata bhala bint il-konvenut Carmelo Bajada llum mejjet, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-attrici huwa l-konvenut Carmelo Bajada; u

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att tat-Twelid tal-attrici huwa jikkancella l-kliem "*unknown father*" mill-kolonna tal-*"Isem u Kunjom missier it-tarbija"* u jisosstitwixxihom bil-kliem *"Carmelo Bajada"* u jirregistra wkoll fl-istess Att il-konnotati tal-imsemmi Carmelo Bajada fis-sens illi fil-kolonna intestata *"Professjoni, sengha jew stat iehor"* tinkiteb il-kelma: *"negozjant"*; fil-kolonna intestata: *"Eta"* jitnizzel in-numru: *"42"*; fil-kolonna intestata fejn *"Twieldu u Joqoghdu"* jitnizzlu l-kliem *"Hamrun"* u *"Hamrun";* u fil-kolonna *"Isem u Kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet"* jitnizzlu l-kliem: *"John - mejjet"* rispettivament u dan oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista’ jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid li jindikaw li l-konvenut Carmelo Bajada huwa effettivament missier l-istess attrici.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) t’ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-

sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess wirt battal ta' Carmelo Bajada, b'dan li d-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa mehlus mill-hlas ta' kull spiza *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-istess, filwaqt dejjem li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**7 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**7 ta' Jannar 2003**